MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2008

Talba Numru. 113/2008

**Polmesh Limited (C - 21929)**

**-vs-**

**Leslie Muscat I.D. 122969 (M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjetà attrici talbet il-hlas tas-somma ta' seba' mija u wiehed u disghin Euro u tmienja u disghin centezmu (€791.98) – (Lm340) rapprezentanti materjal fornut lill-konvenut. Illi ghalkemm il-konvenut gie nterpellat diversi drabi sabiex ihallas l-ammont dovut dan baqa' inadempjenti. Bl-ispejjez ta' din il-procedura, kif ukoll dawk tal-ittra ufficjali ta' Novembru 2007 (Numru 6707/07) u bl-interessi skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut giet debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjetà attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjetà attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ seba’ mija u wiehed u disghin Euro u tmienja u disghin centezmu (€791.98) – (Lm340), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**Av. Peter Borg Costanzi**
**Gudikatur**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------